




# It-Tranżazzjonijiet tal-Proprjetà Residenzjali: Ġunju tal-2023

NR121/2023 Data tal-Ħruġ: 11 ta' Lulju 2023 Data tal-Għeluq: 03 ta' Lulju 2023

*F'Ġunju 2023, il-Kuntratti ta' Bejgħ u il-Konvenji ta' proprjetajiet residenzjali ammontaw għal 978 u 1,141, rispettivament. Meta mqabblin ma' dawk irreġistrati fl-istess xahar ta' sena qabel, dawn iċ-ċifri juru tnaqqis ta' 18.1 fil-mija fil-kuntratti ta' bejgħ u żjieda ta' 5.0 fil-mija fil-konvenji.*



Din l-Istqarrija tal-Aħbarijiet tippreżenta tagħrif proviżorju dwar tranżazzjonijiet ta' bejgħ ta' proprjetajiet residenzjali skont id-data tar-reġistrazzjoni mal-awtorità tat-taxxa.

**Kuntratti ta' Bejgħ**

F'Ġunju 2023, l-għadd ta' kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetajiet residenzjali kien jammonta għal 978, li juri tnaqqis ta' 18.1 fil-mija meta mqabbel ma' dawk irreġistrati sena qabel (Tabella nru 1a). B'kollox, il-valur ta' dawn il-kuntratti laħaq €248.2 miljun, tnaqqis ta' 12.0 fil-mija meta mqabbel mal-valur irregistrat f'Ġunju 2022 (Tabella nru 2a).

Fix-xahar ta' riferenza, 910 jew 93.0 fil-mija tal-kuntratti kienu jikkonsistu minn xerrejja individwali (familji), filwaqt li kważi l-bqija tal-kuntratti l-oħra kienu magħmula minn kumpaniji (Tabella nru 1b). Il-valur tal-kuntratti li jinvolvu xerrejja individwali (familji) kien jammonta għal €186.4 miljuni, li huwa ekwivalenti għal 75.1 fil-mija tal-valur kollu (Tabella nru 2b).

*Kuntratti ta' Bejgħ bid-distrett u l-lokalità*

F'Ġunju 2023, l-akbar għadd ta' kuntratti ta' bejgħ kien irreġistrat fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port u fid-Distrett tat-Tramuntana, b'total ta' 294 u 185 kuntratt, rispettivament. L-inqas numri ta' kuntratti kienu nnotati fid-Distrett tal-Punent u fid-Distrett ta' Għawdex u Kemmuna, b'96 u b'113-il kuntratt, rispettivament (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. Kuntratti ta' bejgħ irreġistrati

Ta' kull xahar




L-akbar għadd ta' kuntratti ta' bejgħ kien irreġistrat f'dawn il-lokalitajiet: San Pawl Il-Baħar (102), Ħal Qormi (43), Ħaż-Żabbar (38) u Marsaskala (38) (Ċart nru 2a). Dawn il-kuntratti kienu jgħoddu għal 22.6 fil-mija tal-kuntratti kollha rreġistrati f'Ġunju 2023.

## Ċart nru 2a. Il-lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f'Ġunju 2023

Kuntratti ta' bejgħ




*It-tieni kwart tal-2023*

Fit-tieni kwart tal-2023, kienu rreġistrati 2,987 kuntratt ta' bejgħ, li jiġu ekwivalenti għal tnaqqis ta' 16.3 fil-mija fuq l-istess perjodu ta' sena ilu (Tabella nru 1a). Il-valur ta' dawn il-kuntratti niżel b'4.0 fil-mija sabiex ammonta għal €763.5 miljun (Table nru 2a). L-akbar numri ta' kuntratti ta' bejgħ kienu rreġistrati f'San Pawl Il-Baħar (268), Birkirkara (130) u Marsaskala (122) (Table nru 7).

**Konvenji**

F'Ġunju 2023, kienu rreġistrati 1,141 konvenju ta' proprjetajiet residenzjali, li huma riflessi f'żjieda ta' 5.0 fil-mija fuq is-sena ta' qabel (Tabella nru 4a). Ix-xerrejja individwali (familji) li kienu involuti f'dawn il-konvenji kienu jgħoddu 1,040 jew 91.1 fil-mija, filwaqt li l-bqija kienu jinvolvu kumpaniji (Tabella nru 4b).

*Konvenji bid-distrett u l-lokalità*

L-akbar għadd ta' konvenji ta' proprjetajiet residenzjali kien irreġistrat fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port bi 385 konvenju; segwit mid-Distrett tat-Tramuntana b'194 konvenju. Min-naħa l-oħra, l-inqas ammonti ta' konvenji dehru fid-Distrett ta' Għawdex u Kemmuna u fid-Distrett tal-Punent b'114 u b'124 konvenju, rispettivament (Tabella nru 5).

L-akbar għadd ta' konvenji kien irreġistrat f'dawn il-lokalitajiet: San Pawl Il-Baħar (84), Birkirkara (56), u Ħal Qormi (47) (Ċart nru 2b). Dawn il-konvenji kienu jgħoddu għal 16.4 fil-mija tal-konvenji kollha rreġistrati f'Ġunju 2023.

## Ċart nru 2b. Il-lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f'Ġunju 2023

Konvenji




*It-tieni kwart tal-2023*

Fit-tieni kwart tal-2023, kienu rreġistrati 3,505 konvenji, li huma żjieda ta' 8.6 fil-mija sena għal sena (Tabella nru 4a). L-akbar numri ta' konvenji kienu rreġistrati f'San Pawl Il-Baħar (316), Birkirkara (157) u Il-Mosta (131) (Tabella nru 9).